



Brussell, 21 ta' Jannar 2022  
(OR. fr)

5193/22

TRANS 8  
RELEX 21

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ĝeneralis tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	st 5121/22
Suġġett:	Ftehim ta' Livell Għoli bejn I-UE u I-Ukrajna għall-adattament tal-mappa indikattiva tal-pajjiżi ġirien skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (Regolament TEN-T) - Awtorizzazzjoni għal negozjati dwar strument mhux vinkolanti

1. Fis-7 ta' Jannar 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks ġie infurmat f'nota mill-Kummissjoni<sup>1</sup>, dwar l-intenzjoni tagħha li tidħol f'neozjati dwar ftehim ta' livell għoli bejn I-UE u I-Ukrajna dwar networks ta' infrastruttura tat-trasport bil-ħsieb li jiġi adottat, wara l-iffirmar ta' dak l-istrument mhux vinkolanti, att delegat, li ser jadatta l-mappa indikattiva eżistenti tal-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ir-Regolament TEN-T).

<sup>1</sup> ST 5121/22.

2. Tabilħaqq, l-Ukrajna esprimiet ix-xewqa tagħha lill-Kummissjoni biex isiru bidliet f'din il-mappa indikattiva. Fl-24 ta' Novembru 2017 ġie ffirmat ftehim ta' livell għoli bejn l-UE u l-Ukrajna u sussegwentement ġew adottati mapep indikattivi u annessi mar-Regolament TEN-T.<sup>2</sup>
3. Il-bidliet mitluba mill-Ukrajna fil-mappa indikattiva tat-TEN-T fit-territorju tagħha jikkonċernaw l-infrastruttura ferrovjarja, tax-xmajjar u tat-toroq.
4. In-nota mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma fit-13 ta' Jannar 2022. Xi delegazzjonijiet talbu għal aktar informazzjoni dwar il-post tas-sezzjonijiet ikkonċernati mit-talba tal-Ukrajna. Din l-informazzjoni ġiet sussegwentement kondiviża mad-delegazzjonijiet. Ma tqajmet oġġezzjoni minn l-ebda delegazzjoni biex tingħata l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati.
5. Huwa mifhum li l-Kummissjoni ser tikkonsulta lill-Kunsill fi tmiem in-negozjati biex tikseb l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-iffirmar tal-ftehim ta' livell għoli fisem l-UE.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja l-ftiehim ta' livell għoli msemmi hawn fuq bejn l-UE u l-Ukranja.

---

<sup>2</sup> Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/254 tad-9 ta' Novembru 2018 dwar l-adattament tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 43, 14.2.2019, p.1).